



**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**IL-KUNSILL**

**Brussell, 20 ta' Ġunju 2019  
(OR. en)**

**2018/0109 (COD)  
LEX 1941**

**PE-CONS 18/1/19  
REV 1**

**PECHE 39  
CODEC 220**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
DWAR PJAN PLURIENNALI GĦALL-IRKUPRU TAL-PIXXISPAD TAL-MEDITERRAN  
U LI JEMENDA R-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1967/2006  
U R-REGOLAMENT (UE) 2017/2107 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**REGOLAMENT (UE) 2019/...**  
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-20 ta' Ġunju 2019**

**dwar pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad tal-Mediterran  
u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006  
u r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 440, 6.12.2018, p. 174.

<sup>2</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2019.

Billi:

- (1) Kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, l-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd ("il-PKS") huwa li tiżgura li r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jiġu sfruttati b'mod li jipprovdi kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli.
- (2) L-Unjoni hija Parti kontraenti tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ("l-ICCAT Konvenzjoni").

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (3) Waqt il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) tal-2016 li saret f'Vilamoura fil-Portugall, il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ICCAT u l-Partijiet, l-Entitajiet jew l-Entitajiet tas-Sajd mhux Kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha ("PKK") għarfu l-bżonn li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni allarmanti tal-pixxispad (*Xiphias gladius*), fil-baħar Mediterran ('il-pixxispad tal-Mediterran') li ġie mistad wisq matul dawn l-aħħar 30 sena. Għal dak il-għan, inkluż li jiġi evitat il-kollass tal-istokk, u wara li ġie analizzat il-parir xjentifiku tal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika (SCRS), l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 16-05 li tistabbilixxi pjan pjan pluriennali ta' rkupru għall-pixxispad tal-Mediterran ('il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT'). Minħabba l-fatt li l-bijoloġija, l-istruttura u d-dinamika attwali tal-istokk tal-pixxispad tal-Mediterran ma jippermettux il-kisba ta' livelli ta' bijomassa li kapaċi jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq medda qasira ta' żmien, anki jekk jiġu adottati miżuri drastiċi u urġenti ta' ġestjoni bħall-għeluq totali tas-sajd, il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT jeħtieġ li jkopri l-perjodu 2017–2031. Ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT daħlet fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2017 u hija vinkolanti għall-Unjoni.
- (4) F'Diċembru tal-2016, l-Unjoni infurmat lis-Segretarjat tal-ICCAT, permezz ta' ittra, li ċerti miżuri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT kellhom jidħlu fis-seħħ fl-Unjoni f'Jannar tal-2017, b'mod partikulari b'rabta mal-perjodu tal-għeluq mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mal-allokazzjoni tal-kwoti għas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran. Jenħtieġ li l-miżuri l-oħrajn kollha stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, flimkien ma' xi miżuri oħra diġà implimentati jiġu inklużi fil-pjan ta' rkupru stabbilit f'dan ir-Regolament.

- (5) Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd tkun ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd ikunu ġestiti b'mod konformi mal-għanijiet tal-PKS, b'mod partikulari mal-għan li jerġgħu jiżdiedu bil-mod il-mod il-popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut u li dawn jinżammu flivelli tal-bijomassa li jkunu 'l fuq minn dawk li jistgħu jiproduċu l-MSY, anke jekk f'dan il-każ partikolari id-data sa meta irid jintlaħaq dak l-għan ikun l-2031, u mal-għan li, fl-istess ħin, jinħolqu l-kundizzjonijiet biex ikun hemm industrija tas-sajd li fiha l-qbid u l-ipproċessar tal-ħut ikunu ekonomikament vijabbli u kompetittivi u attività tas-sajd relatata li ssir fuq l-art li wkoll tkun ekonomikament vijabbli u kompetittiva. F-istess ħin, jittieħed kont tal-punt (d) tal-Artikolu 28(2), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li jipprovdi li jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni vis-à-vis l-operaturi ta' pajjiżi terzi.
- (6) Il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT iqis l-ispeċifitàjiet tat-tipi ta' rkaptu tas-sajd u ta' tekniki tas-sajd differenti. Huma u jimplimentaw il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jipromwovu l-attivitajiet tas-sajd ta' mal-kosta u r-riċerka dwar u l-użu ta' rkaptu u ta' tekniki tas-sajd li jkunu selettivi, sabiex inaqqsu l-qabdiet aċċessorji ta' speċifijiet vulnerabbli, u li jkollhom impatt ambjentali mnaqqas, inklużi rkaptu u tekniki li jintużaw fis-sajd tradizzjonali u artiġjanali, biex b'hekk jikkontribwixxu għal livell ġust ta' għajxien għall-ekonomiji lokali.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-kunċett ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li l-kunċett tal-ICCAT ta' daqsijiet minimi jiġi implimentat fil-liġi tal-Unjoni bħala daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

- (8) Skont ir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, il-pixxispad tal-Mediterran li jkun inqabad u li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni se jkollu jiġi skartat. L-istess japplika għall-qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran li jaqbżu l-limiti tal-qabdiet aċċessorji stabbiliti mill-Istati Membri fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom. Għall-finijiet tal-konformità tal-Unjoni mal-obbligi internazzjonali tagħha fil-kuntest tal-ICCAT, l-Artikolu 5a tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98<sup>1</sup> jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-pixxispad tal-Mediterran, skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 jimplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT li jistabbilixxi l-obbligu li l-bastimenti jiskartaw il-pixxispad tal-Mediterran li jkollhom għall-bastimenti li jkunu jaqbżu l-kwota allokata għalihom jew il-livell massimu ta' qabdiet aċċessorji permessi tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament Delegat jinkludi l-bastimenti li jintużaw għas-sajd rikreattiv.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.1.2015, p. 23).

- (9) Minħabba li l-pjan tal-irkupru definit f'dan ir-Regolament se jimplimenta r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> dwar il-pixxispad tal-Mediterran jitħassru.
- (10) Fl-imgħoddi, l-attivitajiet tas-sajd bl-għeżula tat-tisqif zdiehu ferm f'termini tal-isforz tas-sajd u tan-nuqqas ta' biżżejjed selettività. Iż-żieda bla kontroll f'dawn l-attivitajiet ħolqot riskju serju għall-ispeċijiet fil-mira u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1239/98<sup>2</sup> ipprojbixxa li dawn jintużaw biex jinqabad il-ħut li jpassi ħafna, fosthom għall-pixxispad.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1239/98 tat-8 ta' Ġunju 1998 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 894/97 li jistabilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd (ĠU L 171, 17.6.1998, p. 1).

- (11) Biex tkun żgurata l-konformità mal-PKS, ġiet adottata leġislazzjoni tal-Unjoni sabiex tiġi stabbilita sistema ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' infurzar li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU). B'mod partikulari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>1</sup> jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar permezz ta' approċċ globali u integrat sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli kollha tal-PKS. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011<sup>2</sup> jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>3</sup> jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU. Dawk ir-Regolamenti diġà fihom dispożizzjonijiet li jkopru wħud mill-miżuri stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT. Għalhekk ma hemmx bżonn li dawk id-dispożizzjonijiet jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komunitas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komunitas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad- 29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

- (12) Fl-arranġamenti għall-kiri tal-bastimenti tas-sajd, ta' spiss ma jkunux ċari r-relazzjonijiet bejn is-sid, in-noleġġatur u l-Istat tal-bandiera. Ċerti operaturi li jwettqu attivitajiet IUU jevadu l-kontrolli billi jabbużaw minn dawk l-arranġamenti. Il-kiri huwa pprojbit bir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> fil-kuntest tas-sajd għat-tonn. Bħala miżura ta' prevenzjoni sabiex jiġihares stokk li qed jirkupra u sabiex ikun hemm il-konsistenza mal-liġijiet tal-Unjoni, huwa xieraq li tiġi adottata projbizzjoni simili fil-pjan ta' rkupru stabbilit f'dan ir-Regolament.
- (13) Jenħtieġ li l-leġislazzjoni tal-Unjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT sabiex tpoġġi lis-sajjieda tal-Unjoni u lil dawk ta' pajjiżi terzi fuq l-istess livell u sabiex tiżgura li r-regoli jkunu jistgħu jiġu aċċettati minn kulħadd.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

- (14) Sabiex ir-rakkomandazzjonijiet futuri tal-ICCAT li jemendaw jew jissupplimentaw il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT jiġu implimentati malajr fil-liġi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament, u ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar skadenzi għar-rappurtar ta' informazzjoni, perjodi ta' żmien għall-għeluq, daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, livelli ta' tolleranza għal qabdiet inċidentali u qabdiet aċċessorji, karatteristiċi tekniċi ta' rkaptu tas-sajd, perċentwali ta' eżawriment tat-teħid mill-kwota għall-fini li tiġi informata il-Kummissjoni, kif ukoll informazzjoni li għandha tingħata fuq bastimenti tas-sajd. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup>. B'mod partikulari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li fih jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom irid ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkun qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

---

<sup>1</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (15) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-format tar-rapport annwali li l-Istati Membri jibagħtu dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>.
- (16) L-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jista' jkun hemm fil-ġejjieni fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-proċedura legiſlattiva ordinarja.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (17) L-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006<sup>1</sup> jippermetti lill-bastimenti li jkunu qed jistadu għall-pixxispad jieħdu abbord jew ikalaw għadd massimu ta' 3 500 sunnara, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT tippermetti għadd massimu ta' 2 500 sunnara. Sabiex dik ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata sewwa fil-liġi tal-Unjoni, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jiġi emendat kif xieraq.
- (18) It-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2017/2107 tistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi u ta' kontroll fir-rigward tal-pixxispad tal-Mediterran. Il-miżuri li ġew stabbiliti permezz tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT, li dan ir-Regolament qed jimplementa fil-liġi tal-Unjoni, huma iktar restrittivi jew iktar preċiżi mill-miżuri li huma diġà fis-seħħ, sabiex l-istokk ikun jista' jirkupra. Għalhekk jenħtieġ li t-Taqsima 2 tal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2017/2107 titħassar u tiġi sostitwita bil-miżuri rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

# TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

#### *Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-implimentazzjoni, min-naħa tal-Unjoni, ta' pjan pluriennali għall-irkupru tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) fil-baħar Mediterran ('pixxispad tal-Mediterran'), adottat mill-ICCAT, li jibda fl-2017 u li jkompli għaddej sal-2031.

### *Artikolu 2*

#### *Kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament japplika:

- (a) għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għall-bastimenti tal-Unjoni li jintużaw għas-sajd rikreattiv:
  - (i) li jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran; jew
  - (ii) li jitrabordaw jew iġorru abbord, inkluż 'l barra miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, il-pixxispad tal-Mediterran;
- (b) għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi u għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jintużaw għas-sajd rikreattiv li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni u li jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran;

- (c) għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jiġu spezzjonati fil-portijiet tal-Istati Membri u li jkollhom abbord pixxispad tal-Mediterran jew prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-pixxispad tal-Mediterran li ma jkunux inħattu l-art jew ġew ittrasbordati fil-portijiet qabel.

### *Artikolu 3*

#### *Għan*

B'deroga mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jinkiseb livell tal-bijomassa tal-pixxispad tal-Mediterran li jkun jikkorrispondi mal-MSY sal-2031, u li jkun hemm probabbiltà ta' mill-inqas 60 % li jintlaħaq dan il-għan.

### *Artikolu 4*

#### *Rabta ma' liġijiet oħrajn tal-Unjoni*

Dan ir-Regolament japplika minbarra għar-Regolamenti li ġejjin jew, meta daww ir-Regolamenti jkunu jipprevedu dan, b'deroga minnhom:

- (a) ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (b) Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>;
- (c) ir-Regolament (UE) 2017/2107;

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

*Artikolu 5*  
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment mġhammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- (2) "bastiment tas-sajd tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;
- (3) "iż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT" tfisser l-ilmijiet kollha tal-Oċean Atlantiku u tal-ibħra ta' madwaru;
- (4) "il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran li jinsabu fil-Lvant tal-linja 5°36' tal-Punent;
- (5) "PKK" tfisser il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-ICCAT u l-Partijiet, l-Entitajiet jew l-Entitajiet tas-Sajd mhux Kontraenti tagħha li jikkooperaw magħha;
- (6) "awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni li tagħtih id-dritt iwettaq attivitajiet speċifiċi tas-sajd tul perjodu speċifikat, f'żona partikulari jew għal sajd partikulari, b'kundizzjonijiet speċifiċi;

- (7) "opportunità ta' sajd" tfisser dritt legali kwantifikat għas-sajd, espress f'termini ta' qabdiet jew ta' sforz tas-sajd;
- (8) "stokk" tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tinsab f'żona ta' ġestjoni partikulari;
- (9) "prodotti tas-sajd" tfisser l-organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn kull attività tas-sajd jew il-prodotti li ġejjin minnha;
- (10) 'skartar' tfisser qabdiet li jerġgħu jintefgħu lura fil-baħar;
- (11) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi bijoloġiċi tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (12) "data tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti" tfisser id-data dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni ġeografika, id-data, il-ħin, ir-rota u l-veloċità tal-bastiment tas-sajd li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd jittrażmetti liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera;
- (13) "ħatt l-art" tfisser il-ħatt inizjali ta' kull kwantità ta' prodotti tas-sajd minn abbord bastiment tas-sajd għal fuq l-art;
- (14) "trasbord" tfisser il-ħatt tal-prodotti kollha tas-sajd li jkunu abbord bastiment, jew ta' parti minnhom, minn fuq dak il-bastiment għal fuq bastiment ieħor;

- (15) "kiri" tfisser arranġament li permezz tiegħu bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jingħata b'kuntratt għal perjodu ddefinit lil operatur li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, mingħajr ma l-bastiment tinbidillu l-bandiera tiegħu;
- (16) "konzijiet" tfisser irkaptu tas-sajd li jinkludi lett prinċipali b'ħafna snanar fuq lettijiet sekondarji iqsar imdendlin minnu (brazzoli) ta' tul u spazjar varjabbli skont l-ispeċijiet fil-mira;
- (17) "sunnara" tfisser fidiferru tal-azzar mgħawweġ li jkun ġej għall-ponta;
- (18) "qasba u xliet" tfisser xliet imqabbad ma' qasba li jintuża mis-sajjieda li jistadu bil-qasba u li jkun imdawwar fuq mekkaniżmu ta' tidwir (ril) li jintuża biex jitkebbib ix-xliet.

**TITOLU II**  
**MIŻURI TA' ĠESTJONI,**  
**MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI**  
**U MIŻURI TA' KONTROLL**

**KAPITOLU 1**  
**Miżuri ta' ġestjoni**

*Artikolu 6*

*Sforz tas-sajd*

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li l-isforz tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkun proporzjonat mal-opportunitajiet tas-sajd għall-pixxispad tal-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.
2. Għandu jkun ipprojbit it-trasferiment minn sena għall-oħra tal-kwoti għall-pixxispad tal-Mediterran li ma jintużawx.

## *Artikolu 7*

### *Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd*

1. B'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huma u jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, u għandhom ukoll jagħmlu hilitom biex iqassmu l-kwoti nazzjonali b'mod ġust fost id-diversi segmenti tal-flotta, filwaqt li jqisu s-sajd tradizzjonali u artiġjanali, u biex jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas.
2. Kull Stat Membru għandu jipprevedi l-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad fil-kwota tiegħu tal-pixxispad tal-Mediterran u għandu javża lill-Kummissjoni b'dan meta jkun qed jibagħtilha l-pjan annwali tas-sajd tiegħu skont l-Artikolu 9. It-tali dispożizzjoni għandha tiżgura li l-pixxispad tal-Mediterran mejjet kollu jitnaqqas mill-kwota.
3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jallokaw kwalunkwe żieda fl-opportunitajiet tas-sajd, li tirriżulta mill-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan ir-Regolament, lil bastimenti tas-sajd li ma ġewx allokat i preċedentement kwoti għall-pixxispad tal-Mediterran u li jissodisfaw il-kriterji għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 8*  
*Limiti fuq il-kapaċità*

1. Għandu jkun hemm limitu fuq il-kapaċità tal-bastimenti tas-sajd skont it-tip ta' rkaptu tas-sajd għall-perjodu kollu li matulu jidm għaddej il-pjan ta' rkupru stabbilit f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jillimitaw skont it-tip ta' rkaptu tas-sajd l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran għall-għadd annwali medju ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu stadu għall-pixxispad tal-Mediterran, jew żammewh abbord, jew ittrasbordawh, ittrasportawh jew li ħattewh l-art matul il-perjodu 2013-2016.
2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw l-għadd ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu stadu, żammewh abbord, ittrasbordaw, ittrasportaw jew żbarkaw il-pixxispad tal-Mediterran fl-2016 għall-fini tal-kalkolu tal-limitazzjoni tal-kapaċità, jekk dak l-għadd ikun inqas mill-medja tal-għadd ta' bastimenti fis-sena matul il-perjodu 2013-2016. Dak il-limitu fuq il-kapaċità għandu jkun applikat skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tas-sajd.
3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw tolleranza ta' 5 % għal-limitu fuq il-kapaċità msemmi fil-paragrafu 1 għall-2018 u l-2019.
4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu ta' kull sena bil-miżuri li jkunu hađu biex jillimitaw l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran. Dik l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fit-trażmissjoni tal-pjanijiet annwali tas-sajd skont l-Artikolu 9.

## *Artikolu 9*

### *Pjanijiet annwali tas-sajd*

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet tas-sajd annwali tagħhom lill-Kummissjoni sal-1 ta' Marzu ta' kull sena. Tali pjanijiet tas-sajd annwali għandhom ikunu fil-format stabbilit fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-data u tal-informazzjoni, u għandu jkun fihom informazzjoni ddettaljata dwar il-kwota għall-pixxispad tal-Mediterran allokata skont it-tip ta' rkaptu tas-sajd, fosthom il-kwota allokata għas-sajd rikreattiv, meta dan ikun rilevanti, u dik allokata għall-qabdiet aċċessorji.
2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien il-pjanijiet tas-sajd annwali msemmin fil-paragrafu 1 u tintegrahom fi pjan tas-sajd tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak il-pjan tas-sajd tal-Unjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Marzu ta' kull sena.

## KAPITOLU 2

### Miżuri tekniċi ta' konservazzjoni

#### TAQSIMA 1

#### STAĠUNI TAS-SAJD

##### *Artikolu 10*

##### *Perjodi ta' għeluq*

1. Il-pixxispad tal-Mediterran ma għandux jinqabad, la bħala speċi fil-mira u lanqas bħala qabda aċċessorja, u ma għandux jinżamm abbord, jiġi ttrasbordat jew jinħatt l-art matul il-perjodu ta' għeluq. Il-perjodu ta' għeluq għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu ta' kull sena.
2. Sabiex jiġihares il-pixxispad tal-Mediterran, għandu jkun hemm perjodu ta' għeluq tas-sajd mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Novembru ta' kull sena għall-bastimenti tas-sajd bil-konz li jkunu qed jistadu għall-alongi (*Thunnus alalunga*) fil-Mediterran;

3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-effettività tal-perjodi ta' għeluq imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, u kull sena, tal-inqas xahrejn u ħmistax-il ġurnata qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, għandhom jibagħtu l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli u l-ispezzjonijiet ix-xierqa li huma jkunu wettqu fis-sena ta' qabel sabiex jiżguraw li jitħares dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mill-inqas xahrejn qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT kull sena.

## TAQSIMA 2

### DAQS MINIMU TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI, QABDIET INĊIDENTALI U QABDIET AĊĊESSORJI

#### *Artikolu 11*

#### *Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-pixxispad tal-Mediterran*

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandu jkun ipprojbit li jiġu maqbuda jew li jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu l-art, jiġu ttrasportati, jinħażnu, jinbiegħu, jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ tal-pixxispad tal-Mediterran, inkluż mis-sajd rikreattiv:
- (a) li jkunu twal inqas minn 100 cm mix-xedaq ta' isfel sal-furketta; jew
  - (b) li jkollu piż ħaġ ta' inqas minn 11,4 kg jew piż ta' inqas minn 10,2 kg wara li jkunu tneħħewlu l-garġi u jkun tnaddaf mill-ġewwieni.

2. Jista' jinżamm abbord, jiġi ttrasbordat, jinħatt l-art jew jinġarr waqt l-ewwel trasport wara l-ħatt l-art biss il-pixxispad tal-Mediterran sħiħ li ma tkun tneħħietlu l-ebda parti esterna, jew il-pixxispad li jkunu tneħħewlu l-garġi u jkun tnaddaf mill-ġewwieni.

#### *Artikolu 12*

##### *Qabdiet inċidentali ta' pixxispad li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni*

Minkejja l-Artikolu 1(11), il-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jimmiraw għall-pixxispad tal-Mediterran jistgħu jżommu abbord, jittrasbordaw, jittrasferixxu, iħottu l-art, jittrasportaw, jaħżnu, jbigħu jew juru jew joffru għall-bejgħ il-qabdiet inċidentali ta' pixxispad tal-Mediterran li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, sakemm dawn il-qabdiet ma jkunux jaqbżu l-5 % skont il-piż jew l-għadd ta' kampjuni tal-qabda totali tal-pixxispad tal-Mediterran tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati.

#### *Artikolu 13*

##### *Qabdiet aċċessorji*

1. Fi kwalunkwe ħin wara operazzjoni tas-sajd, il-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad tal-Mediterran ma għandhomx jaqbżu l-limitu tal-qabdiet aċċessorji li l-Istati Membri jistabbilixxu fil-pjanijiet annwali tagħhom tas-sajd għall-qabda totali abbord skont il-piż jew skont l-għadd ta' kampjuni.
2. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-bastimenti tas-sajd li ma jkunux qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran ma għandhomx iżommu abbord pixxispad tal-Mediterran li jaqbeż dak il-limitu ta' qabdiet aċċessorji.

3. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jekk il-kwota għall-pixxispad tal-Mediterran allokata lill-Istat Membru tal-bandiera tiġi eżawrita, il-pixxispad tal-Mediterran kollu li jinqabad ħaj għandu jinħeles.
4. Meta l-kwota għall-pixxispad tal-Mediterran allokata lill-Istat Membru tal-bandiera tiġi eżawrita, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' pixxispad tal-Mediterran mejjet għandhom ikunu pprojbiti u l-qabdiet kollha għandhom jiġu rreġistrati. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar il-kwantità tat-tali pixxispad tal-Mediterran mejjet lill-Kummissjoni, li għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT skont l-Artikolu 21.

### **TAQSIMA 3**

#### **KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-IRKAPTU TAS-SAJD**

##### *Artikolu 14*

##### *Karatteristiċi tekniċi tal-irkaptu tas-sajd*

1. L-għadd massimu ta' snanar li l-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu għall-pixxispad fil-Mediterran jistgħu jkalaw jew jinġarru abbord għandu jkun ta' 2 500 sunnara.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd għandhom jitħallew ikollhom abbord sett armat ta' sostituzzjoni ta' 2 500 sunnara għal vjaġġi ta' iktar minn jumejn, sakemm dan jintrabat kif suppost u jinżamm fil-gvieret ta' taħt b'mod li ma jkunx jista' jintuża faċilment.

3. It-tul tas-snanar ma għandux ikun ta' inqas minn 7 cm.
4. It-tul tal-konzijiet pelaġiċi ma għandux ikun aktar minn 30 mil nawtiku (55,56 km).

## **KAPITOLU 3**

### **Miżuri ta' kontroll**

#### **TAQSIMA 1**

#### **REĠISTRU TAL-BASTIMENTI**

##### *Artikolu 15*

##### *Awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran u li jtajru l-bandiera tagħhom skont id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403, b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 21 tiegħu.
2. Il-bastimenti tal-Unjoni mniżżlin fir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 16 u 17 biss għandhom jitħallew jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran, iżommuh abbord, jittrasbordawh, iħottuh l-art, jittrasportawh jew jipproċessawh, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar il-qabdiet aċċessorji stabbiliti fl-Artikolu 13.

3. Il-bastimenti l-kbar tas-sajd awtorizzati mill-Istati Membri għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru tal-ICCATA tal-bastimenti li b'kolloxx huma twal 20 metru jew aktaru awtorizzati li joperaw fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCATA.

#### *Artikolu 16*

##### *Informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran u l-alonghi fis-sena attwali*

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja b'mod elettroniku lill-Kummissjoni, fil-format stabbilit fil-Linji Gwida tal-ICCATA għat-tressiq tad-data u tal-informazzjoni:
  - (a) sal-1 ta' Jannar, l-informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran, kif ukoll il-bastimenti awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran fil-kuntest tas-sajd rikreattiv;
  - (b) sal-1 ta' Marzu, l-informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu awtorizzati jistadu għall-alonghi tal-Mediterran.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-ICCATA l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) sal-15 ta' Jannar ta' kull sena u l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) sal-15 ta' Marzu ta' kull sena.

L-informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel paragrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun fiha isem il-bastiment u n-numru tiegħu tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (in-numru tas-CFR), kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218<sup>1</sup>.

2. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe modifika tal-informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 30 ġurnata minn dik il-modifika. Fi żmien 45 jum wara d-data tal-modifika, il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.
3. Minbarra kwalunkwe informazzjoni trażmessa lis-Segretarjat tal-ICCAT b'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, fejn meħtieġ, skont l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2017/2403, tibgħat mingħajr dewmien dettalji aġġornati tal-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lis-Segretarjat tal-ICCAT.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

## *Artikolu 17*

*Informazzjoni dwar il-bastimenti li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bl-użu ta' ħarpuni jew ta' konzijiet tal-wiċċ matul is-sena ta' qabel*

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja b'mod elettroniku lill-Kummissjoni dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-konzijiet tal-wiċċ jew bil-ħarpuni fis-sena ta' qabel:
  - (a) isem il-bastiment (jekk il-bastiment ma jkollux isem, i n-numru tar-reġistrazzjoni mingħajr l-inizjali tal-pajjiż);
  - (b) in-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/218;
  - (c) in-numru fir-reġistru tal-ICCAT.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat fil-format stabbilit fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-data u tal-informazzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

## TAQSIMA 2

### MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

#### *Artikolu 18*

#### *Sistema ta' Monitoraġġ tal-bastimenti*

1. Għall-finijiet tal-kontroll, it-trażmissjoni tad-data tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) mill-bastimenti tas-sajd li huma awtorizzati jaqdbu l-pixxispad tal-Mediterran ma għandhiex tiġi interrotta meta dawk il-bastimenti jkunu fil-port.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jibagħtu l-messaġġi tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti li jaslulhom mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom lill-Kummissjoni u lil korp magħżul minnha, f'ħin reali u billi jużaw il-format "https data feed". Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej:
  - (a) li l-messaġġi tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni tal-inqas kull saġhtejn;
  - (b) f'każ ta' ħsara teknika fis-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, il-messaġġi alternattivi li jaslulhom f'konformità mal-Artikolu 25(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 mingħand il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien 24 siegħa minn meta ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jirċevuhom;

- (c) il-messaġġi VMS li jintbagħtu lill-Kummissjoni jiġu nnumerati b'mod sekwenzjali (b'identifikatur uniku) sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni;
  - (d) il-messaġġi VMS li jintbagħtu lill-Kummissjoni jkunu konformi mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011.
4. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-messaġġi VMS kollha li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-bastimenti ta' spezzjoni tiegħu jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali u jkunu limitati biss għall-attivitajiet ta' spezzjoni fuq il-baħar.

#### *Artikolu 19*

##### *Kiri ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni*

Għandu jkun ipprojbit il-kiri ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni sabiex jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran.

#### *Artikolu 20*

##### *Programmi ta' osservaturi xjentifiċi nazzjonali għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ*

1. Kull Stat Membru li jkollu kwota għall-pixxispad tal-Mediterran għandu jimplimenta programm ta' osservaturi xjentifiċi nazzjonali għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran skont dan l-Artikolu. Il-programm tal-osservaturi nazzjonali għandu jikkonforma mal-istandards minimi stabbiliti fl-Anness I.

2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jintbagħtu l-osservaturi xjentifiċi nazzjonali fuq tal-inqas 10 % tal-bastimenti kollha tas-sajd bil-konz tal-wiċċ li jkollhom tul totali ta' aktar minn 15-il metru li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru u li jkunu qed jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran. Il-perċentwal ta' kopertura għandha jitkejjel f' għadd ta' jiem tas-sajd, ta' kalati, ta' bastimenti jew ta' vjaġġi.
3. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jfassal u jimplimenta approċċ ta' monitoraġġ xjentifiku biex jiġbor l-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-bastimenti pelaġiċi tas-sajd bil-konz li jkollhom tul totali ta' 15-il metru jew inqas li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru. Kull Stat Membru tal-bandiera għandu jippreżenta d-dettalji ta' dak il-monitoraġġ xjentifiku lill-Kummissjoni fil-pjan tas-sajd annwali msemmi fl-Artikolu 9 sal-2020.
4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dettalji tal-approċċ ta' monitoraġġ xjentifiku msemmi fil-paragrafu 3 lill-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika (SCRS) tal-ICCAT minnufih biex dan jevalwah. L-approċċ ta' monitoraġġ xjentifiku għandu jiġi approvat mill-Kummissjoni ICCAT waqt il-laqgħa annwali tal-ICCAT qabel ma jiġi implimentat.
5. L-Istati Membri għandhom joħorġu dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni lill-osservaturi xjentifiċi nazzjonali tagħhom.

6. Minbarra l-kompiti tal-osservaturi xjentifiċi stabbiliti fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-osservaturi xjentifiċi jivvalutaw u jirrappurtaw id-data li ġeġja dwar il-pixxispad tal-Mediterran:
- (a) il-livell ta' skartar ta' kampjuni li jkun iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni
  - (b) id-daqs u l-età tal-ħut meta jilħqu l-istat adult f'dak ir-reġjun partikulari;
  - (c) l-użu tal-ħabitat, biex titqabbel id-disponibbiltà tal-pixxispad tal-Mediterran għal sajd differenti, fosthom tqabbil bejn is-sajd bil-konzizzjiet tradizzjonali u dawk mesopelaġiċi;
  - (d) l-impatt tas-sajd bil-konzizzjiet mesopelaġiċi f'termini tal-kompożizzjoni tal-qabdiet, tas-serje tal-qabda għal kull unità tal-isforz u tat-tqassim u tad-daqs tal-qabdiet; u
  - (e) l-istima tal-proporzjon, ta' kull xahar, ta' ħut riproduttiv u ta' rekluti fil-qabdiet.
7. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li tkun inġabret fil-programmi tal-osservaturi xjentifiċi nazzjonali tagħhom tas-sena ta' qabel lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

### TAQSIMA 3

## KONTROLL TAL-QABDIET

#### *Artikolu 21*

#### *Reġistrazzjoni u rappurtar tal-qabdiet*

1. Il-kaptan ta' kull bastiment tas-sajd li jkun awtorizzat jaqbad il-pixxispad tal-Mediterran għandu jżomm ġurnal ta' abbord dwar is-sajd skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II u għandu jibgħat l-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu.
2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tar-rappurtar tal-Istati Membri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet kollha tal-pixxispad tal-Mediterran li l-bastimenti awtorizzati u li jtajru l-bandiera tagħhom ikunu għamli, sakemm tali informazzjoni ma tintbagħatx fuq bażi ta' kull xahar. Dawk ir-rapporti ta' kull tliet xhur għandhom jintbagħtu bl-użu tal-format tal-rapport tad-data aggregata dwar il-qbid) sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara li jintemm kull perjodu ta' tliet xhur (jiġifieri sal-15 ta' April, sal-15 ta' Lulju u sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena u sal-15 ta' Jannar tas-sena ta' wara). Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sat-30 ta' April, sat-30 ta' Lulju u sat-30 ta' Ottubru ta' kull sena u sat-30 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni dwar il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li kienu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran bil-konzijiet tal-wiċċ jew bil-ħarpun fis-sena ta' qabel:
- (a) informazzjoni marbuta mal-attivitajiet tas-sajd skont l-ispeċi fil-mira u ż-żona, ibbażata fuq il-kampjunar jew fuq il-flotta kollha, fosthom:
    - (i) il-perjodu jew il-perjodi tas-sajd u l-għadd totali annwali ta' jiem tas-sajd tal-bastiment;
    - (ii) iż-żoni ġeografiċi, skont ir-rettangoli statistiċi tal-ICCAT, għall-attivitajiet tas-sajd li wettaq il-bastiment;
    - (iii) it-tip ta' bastiment;
    - (iv) l-għadd ta' snanar li uża l-bastiment;
    - (v) l-għadd ta' konzijiet individwali li uża l-bastiment;
    - (vi) it-tul kollu tal-unitajiet ta' konzijiet li għandu l-bastiment;
  - (b) id-data dwar il-qabdiet, fl-iżgħar unità temporali-spazjali possibbli, fosthom:
    - (i) it-tqassim tad-daqs u, jekk inhu possibbli, tal-età tal-qabdiet;
    - (ii) il-qabdiet ta' kull bastiment u l-kompożizzjoni tagħhom;

- (iii) l-isforz tas-sajd (l-għadd medju ta' jiem tas-sajd għal kull bastiment, l-għadd medju ta' snanar għal kull bastiment, l-għadd medju ta' konzizzjiet individwali għal kull bastiment u t-tul medju tal-konzizzjiet kollha f'daqqa għal kull bastiment).

Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-31 ta' Lulju ta' kull sena.

- 4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, 2 u 3 għandha tintbagħat fil-format stabbilit fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-data u tal-informazzjoni.

#### *Artikolu 22*

##### *Data dwar it-teħid mill-kwota*

- 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta jqis li t-teħid mill-kwota għall-pixxispad tal-Mediterran allokata għal tip ta' rkaptu partikulari tkun laħqet it-80 %.
- 2. Meta l-qabdiet akkumulati tal-pixxispad tal-Mediterran ikunu laħqu t-80 % tal-kwota nazzjonali, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat id-data dwar il-qabdiet lill-Kummissjoni kull ġimgħa.

**TAQSIMA 4**  
**ĦATT L-ART U TRASBORD**

*Artikolu 23*  
*Portijiet magħżulin*

1. Il-qabdiet tal-pixxispad tal-Mediterran, inklużi l-qabdiet aċċessorji u l-pixxispad tal-Mediterran maqbud fil-kuntest tas-sajd rikreattiv mingħajr marka fuq kull kampjun kif imsemmi fl-Artikolu 30, għandhom jinħattu l-art jew jiġu ttrasbordati fil-portijiet magħżulin biss.
2. Kull Stat Membru għandu jagħżel, f'konformità mal-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) 1224/2009, il-portijiet li fihom għandhom isiru l-ħatt l-art u t-trasbordi tal-pixxispad tal-Mediterran msemmija fil-paragrafu 1.
3. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lista tal-portijiet magħżulin tagħhom lill-Kummissjoni. Sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik il-lista lis-Segretarjat tal-ICCAT.

*Artikolu 24*  
*Notifika minn qabel*

1. L-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li b'kollox ikunu twal 12-il metru jew iktar u li huma inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament. In-notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK li l-portijiet jew il-faċilità tal-ħatt l-art tagħha huma jkun beħsiebhom jużaw, kif ukoll lill-Istat Membru tal-bandiera, jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-port.
2. Mill-inqas erba' sığhat qabel il-ħin stmat tal-wasla tagħhom fil-port, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li b'kollox ikunu iqsar minn 12-il metru li huma inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 16 għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK li l-portijiet jew il-faċilità tal-ħatt l-art tagħha huma jkunu jixtiequ jużaw, kif ukoll lill-Istat Membru tal-bandiera jekk dan ikun differenti mill-Istat Membru tal-port, bl-informazzjoni li ġejja:
  - (a) il-ħin stmat tal-wasla tagħhom;
  - (b) il-kwantità stmata ta' pixxispad tal-Mediterran li għandhom abbord; u
  - (c) l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika fejn tkun saret il-qabda.
3. Jekk il-post għas-sajd ikun inqas minn erba' sığhat mill-port, il-kwantitajiet stmati ta' pixxispad tal-Mediterran miżmuma abbord jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe mument qabel il-wasla.
4. L-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-port għandhom iżommu reġistru tan-notifiki kollha minn qabel għas-sena attwali.

## *Artikolu 25*

### *Trasbord*

1. It-trasbord fuq il-baħar mill-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom abbord il-pixxispad tal-Mediterran, jew minn bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni, għandu jkun ipprojbit f'kull ċirkustanza.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51, l-Artikolu 52(2) u (3), u l-Artikoli 54 u 57 tar-Regolament (UE) 2017/2107, il-bastimenti għandhom jittrasbordaw il-pixxispad tal-Mediterran f'portijiet magħżulin biss.

## **TAQSIMA 5**

### **SPEZZJONIJIET**

## *Artikolu 26*

### *Pjanijiet annwali ta' spezzjoni*

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-pjanijiet annwali ta' spezzjoni tagħhom lill-Kummissjoni. Dawk il-pjanijiet annwali ta' spezzjoni għandhom jiġu stabbiliti skont:
  - (a) l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-proċeduri kif ukoll il-punti ta' riferiment għall-attivitajiet ta' spezzjoni stipulat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1986<sup>1</sup>; u
  - (b) il-programm ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll għall-pixxispad tal-Mediterran stabbilit skont l-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1986 tat-13 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi programmi speċifiċi ta' kontroll u ta' spezzjoni għal ċertu sajd u li tħassar id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/807/UE, 2013/328/UE, 2013/305/UE u 2014/156/UE (ĠU L 317, 14.12.2018, p. 29).

2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien il-pjanijiet nazzjonali ta' spezzjoni u tintegrahom fil-pjan ta' spezzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-pjan ta' spezzjoni tal-Unjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT biex l-ICCAT tkun tista' tapprovah, flimkien mal-pjanijiet annwali tas-sajd imsemmijin fl-Artikolu 9.

#### *Artikolu 27*

##### *Skema ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta tal-ICCAT*

1. L-attivitajiet internazzjonali konġunti ta' spezzjoni għandhom jitwettqu skont l-iskema tal-ICCAT għal spezzjonijiet internazzjonali konġunti (imsejħa "l-iskema tal-ICCAT") stabbilita fl-Anness III.
2. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati jaqbd u l-pixxispad tal-Mediterran għandhom jassenjaw lill-ispetturi u jwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-baħar skont l-iskema tal-ICCAT. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha jistgħu jaħtru spetturi tal-Unjoni għall-iskema tal-ICCAT.
3. Jekk, fi kwalunkwe ħin, ikun hemm iktar minn 50 bastiment tas-sajd li jtafru l-bandiera ta' Stat Membru partikulari li jkunu qed iwettqu sajd għall-pixxispad tal-Mediterran fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, dak l-Istat Membru għandu jibgħat bastiment ta' spezzjoni għall-finijiet tal-ispezzjoni u l-kontroll fuq il-Baħar Mediterran għall-perjodu kollu li matulu dawk il-bastimenti jkunu hemmhekk. Dak l-obbligu għandu jitqies li jkun tħares ukoll f'każijiet fejn l-Istati Membri jikkooperaw biex jibagħtu bastiment ta' spezzjoni jew f'każijiet fejn jintbagħat bastiment ta' spezzjoni tal-Unjoni fil-Mediterran.

4. Il-Kummissjoni jew korp magħżul minnha għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' spezzjoni għall-Unjoni. Flimkien mal-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tfassal programmi ta' spezzjoni konġunta biex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-obbligu tagħha fil-kuntest tal-iskema tal-ICCAT. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu qed iwettqu sajd għall-pixxispad tal-Mediterran għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi konġunti ta' spezzjoni, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u mal-perjodi meta jridu jintużaw dawk ir-riżorsi u maż-żoni ġeografiċi fejn iridu jintużaw.
5. Sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-ismijiet tal-ispetturi u tal-bastimenti ta' spezzjoni li beħsiebhom jassenjaw għall-iskema tal-ICCAT fis-sena ta' wara. Permezz ta' dan it-tagħrif, il-Kummissjoni għandha tfassal, flimkien mal-Istati Membri, pjan annwali għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-iskema tal-ICCAT, li hija għandha tibgħat lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-1 ta' Jannar ta' kull sena.

#### *Artikolu 28*

#### *Spezzjonijiet f'każ ta' ksur*

Meta bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru jkun kiser id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li ssir spezzjoni fiżika ta' dak il-bastiment taħt l-awtorità tiegħu fil-portijiet tiegħu jew, meta l-bastiment ma jkunx jinsab f'xi wieħed mill-portijiet tiegħu, minn persuna maħtur minn dak l-Istat Membru.

## KAPITOLU 4

### Sajd rikreattiv

#### *Artikolu 29*

#### *Miżuri ta' ġestjoni*

1. Kull Stat Membru li jippermetti s-sajd rikreattiv għall-pixxispad tal-Mediterran għandu jipprevedi kwota għas-sajd rikreattiv fil-kwota nazzjonali tiegħu u għandu javża lill-Kummissjoni b'dan meta jkun qed jibagħtilha l-pjan tas-sajd annwali tiegħu skont l-Artikolu 9. It-tali dispożizzjoni għandha tiżgura li l-pixxispad tal-Mediterran mejjet kollu jitnaqqas mill-kwota.
2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom, għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jwettqu sajd rikreattiv għall-pixxispad tal-Mediterran, jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati msemmija fl-Artikolu 30(2) tinkludi dawk il-bastimenti. Il-bastimenti li ma jkunux inklużi ma' dik l-informazzjoni ma għandhomx jiġu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran.
3. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ tal-pixxispad tal-Mediterran maqbud waqt is-sajd rikreattiv u kull tip ta' kummerċjalizzazzjoni oħra tiegħu.

4. Minkejja l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fil-każ tas-sajd rikreattiv għandhom ikunu pprojbiti l-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art ta' aktar minn pixxispad tal-Mediterran wieħed għal kull bastiment kuljum. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw kemm jista' jkun possibbli, u jiffaċilitaw ir-rilaxx tal-pixxispad tal-Mediterran maqbud ħaj waqt is-sajd rikreattiv u jistgħu jieħdu miżuri aktar restrittivi li jtejbju l-protezzjoni tal-pixxispad tal-Mediterran.

### *Artikolu 30*

#### *Miżuri ta' kontroll*

1. Il-bastimenti li jużaw "qasba u xliet" biss għandhom ikunu awtorizzati jistadu għall-pixxispad tal-Mediterran waqt is-sajd rikreattiv.
2. L-informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati li jintużaw għas-sajd rikreattiv li tintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT skont il-punt (a) tal-Artikolu 16(1) għandha tinkludi dan li ġej:
  - (a) isem il-bastiment (jekk il-bastiment ma jkollux isem, in-numru tar-reġistrazzjoni mingħajr l-inizjali tal-pajjiż);
  - (b) l-isem preċedenti tal-bastiment, meta jkun il-każ;
  - (c) it-tul totali tal-bastiment;
  - (d) l-isem u l-indirizz tas-sid jew tas-sidien u tal-operatur jew tal-operaturi tal-bastiment.

3. Id-data dwar il-qabdiet, fosthom it-tul (mix-xedaq ta' isfel sal-furketta) u l-piż ħaj ta' kull pixxispad tal-Mediterran li jinqabad, jinżamm abbord u jinħatt l-art fil-kuntest tas-sajd rikreattiv, għandha tiġi rreġistrata u rrapportata skont l-Artikolu 21.
4. Il-pixxispad tal-Mediterran jista' jinħatt l-art biss sħiħ jew bil-garġi mneħħijin u msewwi, u jista' jinħatt l-art jew f'port magħżul skont l-Artikolu 23 jew b'marka fuq kull kampjun. Kull marka għandu jkollha numru uniku speċifiku għall-pajjiż u tkun imħarsa mit-tbagħbis.
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programm ta' mmarkar tal-ħut għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet tat-tali programm fil-pjanijiet annwali tas-sajd tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 9.
6. Kull Stat Membru għandu jawtorizza l-użu tal-marki tal-ħut biss sakemm l-ammonti akkumulati tal-qabdiet ikunu fil-limiti tal-kwota allokata lilu.
7. Ta' kull sena, u tal-inqas xahrejn u ħmistax-il ġurnata qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm tal-immarkar tal-ħut. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien l-informazzjoni li tirċievi mingħand l-Istati Membri u tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT tal-inqas xahrejn qabel il-laqgħa annwali tal-ICCAT.

## TITOLU III

### DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### *Artikolu 31*

#### *Rapport annwali*

1. Sal-15 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni, għas-sena kalendarja ta' qabel, dwar l-implimentazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament, u kull informazzjoni oħra rilevanti.
2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġu mmitigati l-qabdiet aċċessorji u biex jitnaqqas l-iskartar ta' pixxispad tal-Mediterran li jkun inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni, u informazzjoni dwar kull riċerka rilevanti f'dak il-qasam.
3. Il-Kummissjoni għandha tiġbor flimkien l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafi 1 u 2 u għandha tibgħatha lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni b'rabta mar-regoli ddettaljati għall-format tar-rapport annwali msemmi f'dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 32*

*Rieżami*

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-pjan għall-irkupru stabbilit f'dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2025.

*Artikolu 33*

*Finanzjament*

Għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>, il-pjan ta' rkupru stabbilit f'dan ir-Regolament għandu jitqies li huwa pjan pluriennali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

*Artikolu 34*  
*Proċedura tal-emendi*

1. Meta jkun hemm bżonn sabiex, fil-liġi tal-Unjoni, jiġu implimentati ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jemendaw jew jissupplimentaw il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT li jsiru jorbtu lill-Unjoni, u sakemm l-emendi tal-liġi tal-Unjoni ma jmorrux lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati, b'konformità mal-Artikolu 35, biex temenda:
  - (a) l-iskadenzi għar-rappurtar tal-informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 16(1) u (3), fl-Artikolu 17(1) u (3), fl-Artikolu 21(2) u (3), fl-Artikolu 22(2), fl-Artikolu 23(3), fl-Artikolu 26(1), fl-Artikolu 27(5) u fl-Artikolu 31(1) u (3);
  - (b) il-perjodi tal-għeluq mogħtija fl-Artikolu 10(1) u (2);
  - (c) id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni stabbilit fl-Artikolu 11(1);
  - (d) il-livelli ta' tolleranza msemmin fl-Artikoli 12 u 13;
  - (e) il-karatteristiċi tekniċi tal-irkaptu tas-sajd stabbiliti fl-Artikolu 14(1) sa (4);
  - (f) il-perċentwal tat-teħid mill-kwota stabbilit fl-Artikolu 22(1) u (2);
  - (g) l-informazzjoni dwar il-bastimenti msemminja fl-Artikolu 16(2), fl-Artikolu 17(1), l-Artikolu 21(1), (2), (3) u (4) u l-Artikolu 30(2); u
  - (h) l-Annessi I, II u III.

2. Kwalunkwe emenda li tiġi adottata skont il-paragrafu 1 għandha tkun strettament limitata għall-implimentazzjoni tal-emendi tar-rakkomandazzjonijiet korrispondenti tal-ICCAT fil-liġi tal-Unjoni jew taż-żidiet magħhom.

### *Artikolu 35*

#### *Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 34 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 34 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 34 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjogġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 36*

##### *Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura mwaqqaf bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 37*

*Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2107*

Fir-Regolament (UE) 2017/2107 jitħassru l-Artikoli 20 sa 26.

*Artikolu 38*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006*

Fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, il-punt 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. 2 500 sunnara għall-bastimenti li jkunu qed jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fejn dawn l-ispeċi jagħmlu minn tal-inqas 70 % tal-qabda f'piż ħaj wara li jiġu magħżula;"

*Artikolu 39*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

## ANNEX I

L-istandards minimi tal-ICCAT għall-programmi tal-osservaturi xjentifiċi tal-bastimenti tas-sajd

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Dawn huma l-istandards minimi għall-programmi tal-osservaturi xjentifiċi tal-bastimenti tas-sajd stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT.

Il-kwalifiki tal-osservaturi

2. Mingħajr preġudizzju għal kull taħriġ jew kwalifika teknika rakkomandati mill-Kumitat permanenti dwar ir-riċerka u l-istatistika (I-SCRS), il-PKK għandhom jiżguraw li l-osservaturi tagħhom ikollhom il-kwalifiki minimi li ġejjin biex iwettqu l-kompiti tagħhom:
  - (a) biżżejjed għarfien u esperjenza biex ikunu jafu jidentifikaw l-ispeċijiet u l-konfigurazzjonijiet tal-irkaptu tas-sajd tal-ICCAT;
  - (b) il-ħila li josservaw u jirreġistraw b'mod preċiż l-informazzjoni li trid tinġabar skont il-programm;
  - (c) il-ħila li jwettqu l-kompiti mniżżlin fil-paragrafu 7 ta' hawn taħt;
  - (d) il-ħila li jiġbru l-kampjuni bijoloġiċi; u
  - (e) taħriġ minimu u xieraq fis-sikurezza u fis-sopravvivenza fuq il-baħar.

3. Barra minn hekk, biex jiżguraw l-integrità tal-programm nazzjonali tal-osservaturi tagħhom, il-PKK għandhom jiżguraw li l-osservaturi:
- (a) ma jkunux membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi osservat;
  - (b) ma jkunux impjegati tas-sid jew tas-sid benefiċjarju tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi osservat; u
  - (c) ma jkollhomx interessi finanzjarji jew benefiċjarji attwali fis-sajd li jkun qed jiġi osservat.

L-affarijiet li jkopru l-programmi tal-osservaturi

4. Kull PKK għandha tiżgura dawn li ġejjin rigward il-programmi domestiċi tal-osservaturi tagħha:
- (a) kopertura minima ta' 5 % tal-programmi tal-osservaturi tal-isforz tas-sajd f'kull sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, u, skont kif inhuma ddefiniti fil-glossarju tal-ICCAT, f'kull sajd bix-xlief u l-qasba, f'kull sajd bin-nases, f'kull sajd bl-għeżula, u f'kull sajd bix-xbieki tat-tkarkir. Il-perċentwal tal-kopertura se jitkejjel kif ġej:
    - (i) għas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, f'għadd ta' jiem tas-sajd, kalati, jew f'għadd ta' vjaġġi;
    - (ii) għas-sajd bix-xlief u l-qasba u għas-sajd bin-nases, f'jiem tas-sajd;
    - (iii) għas-sajd bl-għeżula, f'għadd ta' sigħat jew f'jiem tas-sajd; u
    - (iv) għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, f'għadd ta' rfiġ tax-xbieki jew f'jiem tas-sajd;

- (b) minkejja l-punt (a), fil-każ ta' bastimenti li b'kollox ikunu iqsar minn 15-il metru, u li fihom jista' jkun hemm tħassib straordinarju dwar is-sikurezza li ma jippermettix li jintbagħat osservatur abbord il-bastiment, PKK tista' tuża approçç alternattiv għall-monitoraġġ xjentifiku li jiġbor data ekwivalenti speçifikata fir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, b'mod li jiżgura l-istess kopertura. F'każ bħal dan, il-PKK li tkun tixtieq tuża approçç alternattiv għall-monitoraġġ trid tressaq id-dettalji tal-approçç lill-SCRS biex dan jevalwah. L-SCRS jagħti l-parir tiegħu lill-ICCAT dwar kemm l-approçç alternattiv ikun addattat biex jintlaħqu l-obbligi tal-ġbir tad-data stipulati fir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT. L-approççi alternattivi li jintużaw skont din id-dispożizzjoni għandhom jiġu approvati mill-ICCAT waqt il-laqgħa annwali tagħha qabel ma jiġu implimentati;
- (c) kopertura rappreżentattiva temporali u spazjali tal-ħidma tal-flotta biex ikun żgurat li tinġabar biżżejjed data xierqa, kif meħtieġ skont ir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, u skont kull rekwiżit ieħor tal-programmi domestiçi tal-osservaturi tal-PKK, li tqis il-karatteristiki tal-flotot u tas-sajd;
- (d) il-ġbir tad-data dwar l-aspetti rilevanti tal-ħidma tas-sajd, fosthom dwar il-qabdiet, kif speçifikat fil-paragrafu 7.

5. Il-PKK jistgħu jikkonkludu arranġamenti bilaterali bejniethom, li bihom PKK waħda tibgħat l-osservaturi domestiċi tagħha fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' PKK oħra, dment li jitħarsu d-dispożizzjonijiet kollha tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 16-14.
6. Il-PKK għandhom jagħmlu hilitom biex jiżguraw li l-osservaturi jintbagħtu fuq bastimenti differenti wara li jispiċċaw ħidmiethom fuq bastiment partikulari.

#### Il-kompiti tal-osservaturi

7. Il-PKK għandhom jitolbu lill-osservaturi jwettqu, fost affarijiet oħra, il-kompiti li ġejjin:
  - (a) li jirreġistraw l-attività tas-sajd tal-bastiment li jkunu qed osservaw u jagħmlu rapport dwarha, li għall-inqas għandu jinkludi dawn li ġejjin:
    - (i) li jiġbru d-data, fost l-oħrajn, dwar il-kwantitajiet totali tal-qabdiet tal-ispeċijiet fil-mira, tal-qbid skartat u tal-qabdiet aċċessorji (li jinkludu l-klieb il-baħar, il-fkieren tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar, u l-għasafar tal-baħar), li jistmaw jew ikejlu l-kompożizzjoni tal-qabda skont id-daqsijiet fejn dan ikun jista' jsir, u l-istat tal-ħut maqbud (jiġifieri miżmum, skartat, mejjet jew mehluş ħaj), li jiġbru l-kampjuni bijoloġiċi għall-istudji tal-istorja tal-ħajja (eż. il-gonadi, l-otoliti, ix-xewk tad-dahar u l-qxur);
    - (ii) li jiġbru l-marki tal-ħut kollha li jsibu u jirrappurtaw dwarhom;
    - (iii) li jiġbru l-informazzjoni dwar l-attivitàjiet tas-sajd, li tkun tinkludi dan li ġej, u jirrappurtaw dwarha:
      - fejn saret il-qabda skont il-latitudni u l-lonġitudni,
      - l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd (eż. l-għadd ta' kalati, l-għadd ta' snanar, eċċ.),

- id-data ta' kull attività tas-sajd, u fejn ikun rilevanti, il-ħinijiet tal-bidu u tat-tmiem tal-attività tas-sajd,
  - informazzjoni dwar l-użu ta' oġġetti biex jinġabar il-ħut, fosthom l-irkapti biex jinġema' l-ħut (FADs), u
  - informazzjoni dwar il-kundizzjoni ġenerali tal-annimali li jinħelsu b'rabta mar-rati tas-sopravvivenza (jiġifieri jkunux ħajjin jew mejtin, midrubin, eċċ.);
- (b) josservaw u jirreġistraw l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni tal-qabdiet aċċessorji u informazzjoni rilevanti oħra;
- (c) sa fejn ikun possibbli, li josservaw il-kundizzjonijiet ambjentali (eż. l-istat tal-baħar, il-klima, u l-parametri idroloġiċi, eċċ.) u jirrappurtaw dwarhom;
- (d) li josservaw l-irkaptu biex jinġema' l-ħut u jirrappurtaw dwaru, bi qbil mal-programm tal-osservaturi tal-ICCAT li ġie adottat skont il-programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali; u
- (e) li jwettqu l-kompiti xjentifiċi l-oħrajn irrakkomandati mill-SCRS u approvati mill-ICCAT.

#### L-obbligi tal-osservaturi

#### 8. Il-PKK għandhom jiżguraw li l-osservaturi:

- (a) ma jbagħsux it-tagħmir elettroniku tal-bastiment;

- (b) ikunu jafu l-proċeduri ta' emerġenza ta' abbord il-bastiment, fost l-oħrajn, fejn jinsabu ċ-ċattri tas-salvataġġ, l-apparati tat-tifi tan-nar u l-kaxxi għall-ewwel għajjnuna;
- (c) jikkomunikaw, skont il-bżonn, mal-kaptan dwar kwistjonijiet u kompiti li huma rilevanti għalihom;
- (d) ma jfixklux l-attivitajiet tas-sajd u l-attivitajiet normali tal-bastiment u lanqas ma jindaħlu fihom;
- (e) jieħdu sehem fis-sessjonijiet ta' informazzjoni mar-rappreżentanti rilevanti tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programm tal-osservaturi.

#### L-obbligi tal-kaptan

9. Il-PKK għandhom jiżguraw li l-kaptan tal-bastiment li fuqu jkun assenjat l-osservatur:
- (a) jippermetti l-aċċess ix-xieraq għall-bastiment u għall-attivitajiet ta' fuqu;
  - (b) jippermetti lill-osservatur iwettaq dmirijietu b'mod effettiv, fost affarijiet oħra billi:
    - (i) jipprovdi l-aċċess ix-xieraq għall-irkaptu tal-bastiment, għad-dokumenti tiegħu (inklużi l-ġurnali ta' abbord, kemm dawk elettroniċi, kif ukoll dawk fuq il-karta), u għall-qabdiet tiegħu;
    - (ii) jikkomunika fi kwalunkwe ħin mar-rappreżentanti rilevanti tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika;

- (iii) jiżgura l-aċċess ix-xieraq għat-tagħmir elettroniku u għal tagħmir ieħor rilevanti għas-sajd, li jinkludi t-tagħmir li ġej, iżda li mhux limitat għalih:
- it-tagħmir tan-navigazzjoni bis-satellita,
  - il-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi.
- (iv) jiżgura li l-ebda persuna li tkun abbord il-bastiment li jkun qed jiġi osservat ma timmanipula jew teqred xi apparat jew xi dokument tal-osservaturi; ma timpedixxi lill-osservaturi milli jwettqu dmirijiethom, jew tindaħal jew tagħmel xi ħaġa oħra biex ma tħallihomx jagħmlu xogħolhom; b'xi mod tbeżża', tagħti fastidju, jew tweġġa' lill-osservaturi; jew ixxaħhamhom jew tipprova xxaħhamhom;
- (c) jagħti l-akkomodazzjoni lill-osservaturi, inkluż xi mkien fejn joqogħdu, ikel u faċilitajiet sanitarji u mediċi xierqa, li tkun l-istess bħalma jingħataw l-uffiċjali;
- (d) jagħti biżżejjed spazju lill-osservaturi biex iwettqu l-kompiti tagħhom fuq il-pont tan-navigazzjoni jew fil-kamra tat-tmunier, u biżżejjed spazju fuq il-gverta sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' osservazzjoni tagħhom.

#### Id-dmirijiet tal-PKK

10. Kull PKK għandha:

- (a) teżiġi li meta l-bastimenti tagħha jkunu qed jistadu għall-ispeċijiet tal-ICCAT, ikollhom abbord osservatur xjentifiku bi qbil mad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT;

- (b) tissorvelja s-sikurezza tal-osservaturi tagħha;
- (c) fejn ikun fattibbli u xieraq, tteġġeg lill-istitut xjentifiku jew lill-awtorità domestika tagħha jagħmlu ftehimiet mal-istituti xjentifiċi jew mal-awtoritajiet domestiċi ta' PKK oħrajn biex jiskambjaw ir-rapporti u d-data tal-osservaturi bejniethom;
- (d) tipprovdi, fir-rapport annwali tagħha lill-ICCAT u lill-SCRS, informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, li għandha tinkludi:
  - il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi skont it-tipi ta' sajd u t-tipi ta' rkaptu, kif ukoll kif dan se jitkejjel;
  - id-data li jenħtieġ li tinġabar;
  - il-protokolli fis-seħħ għall-ġbir tad-data u għall-manipulazzjoni tal-kampjuni;
  - l-informazzjoni dwar kif jintagħżlu l-bastimenti li jkunu se jiġu koperti biex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi tal-PKK;
  - ir-rekwiżiti marbutin mat-taħriġ tal-osservaturi; u
  - ir-rekwiżiti marbutin mal-kwalifiki tal-osservaturi;
- (i) dettalji dwar l-istruttura u t-tfassil tal-programmi tal-osservaturi xjentifiċi tagħha li għandhom jinkludu, fost affarijiet oħra:
  - il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi skont it-tipi ta' sajd u t-tipi ta' rkaptu, kif ukoll kif dan se jitkejjel;
  - id-data li jenħtieġ li tinġabar;
  - il-protokolli fis-seħħ għall-ġbir tad-data u għall-manipulazzjoni tal-kampjuni;
  - l-informazzjoni dwar kif jintagħżlu l-bastimenti li jkunu se jiġu koperti biex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi tal-PKK;
  - ir-rekwiżiti marbutin mat-taħriġ tal-osservaturi; u
  - ir-rekwiżiti marbutin mal-kwalifiki tal-osservaturi;

- (ii) l-għadd ta' bastimenti ssorveljati u l-livell ta' kopertura li jinkiseb, skont it-tipi ta' sajd u t-tipi ta' rkaptu; u
- (iii) dettalji dwar kif ġew ikkalkulati dawk il-livelli ta' kopertura;
- (e) wara l-ewwel preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 10(d)(i), tirrapporta l-bidliet fl-istruttura jew fit-tfassil tal-programmi tal-osservaturi tagħha fir-rapporti annwali tagħha meta jseħħu dawn il-bidliet biss. Kull sena, il-PKK għandhom jibqgħu jirrappurtaw l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 10(d)(ii) lill-ICCAT;
- (f) kull sena, bl-użu tal-formati elettroniċi magħżulin li jiġu żviluppati mill-SCRS, tirrapporta lill-SCRS l-informazzjoni li tkun inġabret permezz tal-programmi domestiċi tal-osservaturi tagħha biex din tintuża mill-ICCAT, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-istokkijiet u għal skopijiet xjentifiċi oħra, bi qbil mal-proċeduri fis-seħħ għar-rekwiżiti l-oħrajn dwar ir-rappurtar tad-data u b'konsistenza mar-rekwiżiti domestiċi tal-kunfidenzjalità;
- (g) tiżgura l-implimentazzjoni ta' protokollu sodi għall-ġbir tad-data mill-osservaturi tagħha waqt li dawn ikunu qegħdin iwettqu l-kompiti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 7, inkluż, meta jkun hemm bżonn, li jittieħdu r-ritratti.

#### Id-dmirijiet tas-Segretarju Eżekuttiv

11. Is-Segretarju Eżekuttiv jiffaċilita l-aċċess tal-SCRS u tal-ICCAT għad-data u għall-informazzjoni rilevanti li titressaq skont dir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT.

## Id-dmirijiet tal-SCRS

12. Il-kompiti tal-SCRS huma li:

- (a) jiżviluppa skont il-bżonn u r-rilevanza, manwal ta' ħidma għall-osservaturi li jista' jintuża b'mod fakultattiv mill-PKK fil-programmi domestiċi tal-osservaturi tagħhom. Dan ikun jinkludi mudelli tal-formuli għall-ġbir tad-data u proċeduri standardizzati għall-ġbir tad-data, li jkunu tfasslu filwaqt li tqiesu l-manwali għall-osservaturi u l-materjali relatati li diġà jkunu jeżistu minn sorsi oħrajn, fosthom mingħand il-PKK, il-korpi reġjonali u sottoreġjonali u organizzazzjonijiet oħrajn;
- (b) jiżviluppa linji gwida speċifiċi għas-sajd dwar is-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ;
- (c) jipprovdi sommarju tad-data xjentifika u tal-informazzjoni li tkun inġabret u ġiet irrappurtata skont din ir-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, u kull sejba assoċjata rilevanti lill-ICCAT;
- (d) jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet neċessarji u rilevanti dwar kif tiżdied l-effikaċja tal-programmi tal-osservaturi xjentifiċi biex jintlaħqu l-bżonnijiet tad-data tal-ICCAT, inklużi r-reviżjonijiet possibbli tar-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT jew dwar l-implimentazzjoni mill-PKK ta' l-istandards u l-protokollu minimi mniżżlin f'dan l-Anness.

## Is-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ

13. Meta l-SCRS ikun stabbilixxa li dawn is-sistemi huma effettivi għal tip ta' sajd partikulari, is-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ jistgħu jiġu installati abbord il-bastimenti tas-sajd biex jikkumplimentaw ix-xogħol tal-osservaturi umani abbord il-bastiment jew, fl-istennija li jinħareġ il-parir tal-SCRS u tittieħed deċiżjoni mill- ICCAT, biex joħdulu postu.
  14. Jeħtieġ li l-PKK jikkunsidraw il-linji gwida applikabbli li jkun approva l-SCRS dwar l-użu tas-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ.
  15. Il-PKK huma mħeġġa jirrappurtaw lill-SCRS l-esperjenzi tagħhom b'rabta mal-użu tas-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ fis-sajd tal-ICCAT tagħhom biex jikkumplimentaw il-programmi tal-osservaturi umani tagħhom. Il-PKK li għadhom ma implimentawx dawn is-sistemi huma mħeġġa jippruvaw jużawhom u jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-SCRS.
-

## ANNEX II

### Rekwiżiti għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd

Speċifikazzjonijiet minimi għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd:

1. Kull folja tal-ġurnal ta' abbord għandu jkollha numru.
2. Il-ġurnal ta' abbord għandu jimtela kuljum (f'nofsillejl) jew qabel il-wasla fil-port.
3. Il-ġurnal ta' abbord għandu jimtela f'każ ta' spezzjonijiet fuq il-baħar.
4. Kopja waħda tal-folji għandha tibqa' mehmuża mal-ġurnal ta' abbord.
5. Il-ġurnali ta' abbord għandhom jinżammu abbord il-bastiment biex ikopru perijodu ta' sena waħda ta' ħidma.

Tagħrif minimu standard għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd:

1. L-isem u l-indirizz tal-kaptan.
2. Id-dati u l-portijiet tat-tluq u d-dati u l-portijiet tal-wasla.
3. Isem il-bastiment, in-numru tiegħu fir-reġistru, in-numru tal-ICCAT tiegħu, il-kodiċi internazzjonali tar-radju u n-numru tal-IMO (jekk dan ikun disponibbli).

4. Tagħmir tas-sajd:
  - (a) il-kodiċi tat-tip tal-FAO;
  - (b) il-qisien (pereżempju t-tul, id-daqs tal-malji u l-għadd ta' snanar).
5. L-attivitajiet fuq il-baħar, b'linja waħda (mill-inqas) għal kull jum tal-vjaġġ, li tkun tinkludi t-tagħrif li ġej:
  - (a) l-attività (pereżempju s-sajd jew it-tbaħħir);
  - (b) il-pożizzjoni: il-pożizzjonijiet eżatti ta' kuljum (fi gradi u minuti), irreġistrati għal kull attività tas-sajd jew f'nofsinhar meta ma jkun sar l-ebda sajd matul dak il-jum;
  - (c) reġistru tal-qabdiet, li jinkludi:
    - (i) il-kodiċi tal-FAO,
    - (ii) il-piż sħiħ (RWT) tal-ħut maqbud għal kull jum, f'kilogrammi,
    - (iii) l-għadd ta' kampjuni maqbudin għal kull jum.
6. Il-firma tal-kaptan.
7. Il-mezz tal-użin: stima, użin abbord;
8. Fil-ġurnal ta' abbord, il-piż tal-ħut għandu jingħata f'ammont li jkun ekwivalenti għall-piż tal-ħut ħaj u għandhom jissemew il-fatturi ta' konverżjoni użati fl-evalwazzjoni.

Tagħrif minimu għall-ġurnali ta' abbord tas-sajd fil-każ ta' ħatt l-art jew tat-trasbord:

1. Id-dati ta' ħatt l-art jew tat-trasbord u l-port fejn dan iseħħ.
  2. Prodotti:
    - (a) l-ispeċijiet u preżentazzjoni tagħhom skont il-kodiċi tal-FAO;
    - (b) l-għadd ta' ħut jew ta' kaxxi u l-kwantità f'kilogrammi.
  3. Il-firma tal-kaptan jew tal-aġent tal-bastiment;
  4. Fil-każ tat-trasbord: isem il-bastiment li jkun qed jirċievi l-ħut, il-bandiera tiegħu u n-numru tal-ICCAT tiegħu.
-

## ANNEX III

### L-Iskema tal-ICCAT ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta

Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu IX tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, l-ICCAT tirrakkomanda li jiġu stabbiliti l-arranġamenti li ġejjin għall-kontrolli internazzjonali fl-ilmijiet li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali, sabiex ikun żgurat li l-Konvenzjoni tal-ICCAT u l-miżuri li huma fis-seħħ abbażi tagħha jiġu applikati:

#### I. Infrazzjonijiet serji

1. Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, infrazzjoni serja tfisser l-infrazzjonijiet li ġejjin tad-dispożizzjonijiet tal-miżuri tal-ICCAT dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni adottati mill-ICCAT:
  - (a) sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-PKK tal-bandiera,
  - (b) in-nuqqas ta' żamma ta' reġistri suffiċjenti ta' data dwar il-qbid u relatata mal-qbid skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-ICCAT jew rappurtar ħażin sinifikanti ta' data bħal din dwar il-qbid jew relatata mal-qbid;
  - (c) is-sajd f'żona magħluqa;
  - (d) is-sajd waqt staġun magħluq;
  - (e) it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' kwalunkwe miżura applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-ICCAT;

- (f) ksur sinifikanti tal-limiti tal-qbid jew tal-kwoti fis-seħħ skont l-ICCAT;
- (g) l-użu ta' rkaptu pprojbit tas-sajd;
- (h) il-falsifikazzjoni jew il-ħabi apposta tal-marki, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;
- (i) il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib tax-xhieda li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni;
- (j) avvenimenti multipli ta' ksur li meħuda flimkien jikkostitwixxu nuqqas serju ta' osservanza tal-miżuri skont l-ICCAT;
- (k) attakk, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, indħil, jew tfixkil jew tidwim bla bżonn fil-konfront ta' spettur jew osservatur awtorizzat;
- (l) tbagħbis jew diżattivazzjoni intenzjonali tas-sistema tal-VMS;
- (m) avvenimenti oħrajn simili ta' ksur kif jistgħu jiġu ddeterminati mill-ICCAT, ġaladarba dawn jiġu inklużi u ċċirkolati f'verżjoni riveduta ta' dawn il-proċeduri;
- (n) l-indħil fis-sistema tal-monitoraġġ bis-satellita jew l-użu ta' bastiment mingħajr VMS;
- (o) it-trasbord fuq il-baħar.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe tluġh abbord jew spezzjoni fuq bastiment tas-sajd li matulha l-ispetturi awtorizzati josservaw attività jew kundizzjoni li tista' tikkostitwixxi infrazzjoni serja, kif definita fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastimenti ta' spezzjoni għandhom jinnotifikaw minnufih l-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, direttament kif ukoll permezz tas-Segretarjat tal-ICCAT. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-ispettur għandu jgħarraf ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun jaf li jinsab fil-qrib.
3. L-ispetturi tal-ICCAT għandhom jirreġistraw l-ispezzjonijiet imwettqa u l-infrazzjonijiet identifikati (jekk hemm) fil-ktieb ta' abbord tal-bastiment tas-sajd.
4. Il-PKK tal-bandiera għandu jiżgura li, wara l-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 il-bastiment tas-sajd konċernat iwaqqaf kull attività tas-sajd. Il-PKK tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port magħżul minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.
5. F'każ li waqt spezzjoni jiġu nnutati attività jew kundizzjoni li jistgħu jikkostitwixxu ksur serju, jeħtieġ li l-bastiment jiġi evalwat skont il-proċeduri deskritti fir-Rakkomandazzjoni 11-18 tal-ICCAT li tkompli temenda r-Rakkomandazzjoni 09-10 li tistabbilixxi lista tal-bastimenti li hu meqjus li wettqu attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrapportati u mhux irregolati fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, filwaqt li jitqiesu kull azzjoni li tkun ittiegħdet bi tweġiba għal dan u kull segwitu ieħor li jkun hemm għal dan.

- II. Twettiq tal-ispezzjonijiet
6. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu mill-ispetturi maħturin mill-Gvernijiet Kontraenti. L-ismijiet tal-aġenziji tal-gvern awtorizzati u tal-ispetturi individwali maħtura għal dak il-għan mill-gvernijiet rispettivi tagħhom għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni ICCAT.
  7. Il-bastimenti ta' spezzjoni li jwettqu servizzi ta' imbarkazzjoni internazzjonali u dmirijiet ta' spezzjoni skont dan l-Anness għandhom itajru bandiera jew fjamma speċjali approvata mill-Kummissjoni ICCAT u maħruġa mis-Segretarjat tal-ICCAT. L-ismijiet tal-bastimenti użati b'dan il-mod għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT malli jkun prattikabbli qabel jibdew l-attivitajiet ta' spezzjoni. Is-Segretarjat tal-ICCAT għandu jqiegħed it-tagħrif dwar il-bastimenti ta' spezzjoni maħturin għad-dispożizzjoni tal-PKK kollha, fosthom billi jpoġġi dan it-tagħrif fuq is-sit elettroniku tiegħu li jkun protett b'password.
  8. L-ispetturi għandhom iġorru dokumentazzjoni xierqa tal-identità maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera, li għandha tkun fil-forma murija fil-paragrafu 21.

9. Suġġett għall-arranġamenti miftiehma fil-kuntest tal-paragrafu 16, bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Partit Kontraenti u li jkun qed jistad għat-tonn jew għall-ħut li jixbah lit-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT barra l-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali għandu jieqaf meta jingħata s-sinjali ix-xieraq tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali minn bastiment ta' spezzjoni li jtajjar il-fjamma tal-ICCAT deskritta fil-paragrafu 7 u li jkollu spettur abbord, sakemm il-bastiment tas-sajd ma jkunx qed iwettaq attivitajiet tas-sajd dak il-ħin stess, f'liema każ għandu jieqaf minnufih hekk kif itemm it-tali attivitajiet. Kif speċifikat fil-paragrafu 10 ta' dan l-Anness, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jippermetti lit-tim tal-ispezzjoni jitla' abbord u jeħtieġu jipprovdu sellum biex jitla' abbord. Il-kaptan għandu jippermetti lit-tim tal-ispezzjoni jeżamina t-tagħmir, il-qabda jew l-irkaptu u kwalunkwe dokument rilevanti li l-ispettur iqis li jkun meħtieġ sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jkunu fis-seħħ għall-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi spezzjonat. Barra minn hekk, l-ispetturi jistgħu jitolbu kwalunkwe spjegazzjoni li huma jqisu li hija meħtieġa.
10. L-uffiċjal kmandant tal-bastiment tal-ispezzjoni għandu jiddeċiedi kemm għandu jkun kbir it-tim tal-ispezzjoni filwaqt li jqis iċ-ċirkustanzi rilevanti. It-tim tal-ispezzjoni għandu jkun żgħir kemm jista' jkun sabiex iwettaq id-dmirijiet mogħtija f'dan l-Anness b'sigurtà u b'sikurezza.

11. Meta jimbarkaw abbord il-bastiment tas-sajd, l-ispetturi għandhom juru d-dokumenti tal-identità deskritti fil-paragrafu 8. L-ispetturi għandhom iħarsu r-regoli, il-proċeduri u l-prattiki internazzjonali aċċettati b'mod ġenerali li jirrigwardaw is-sikurezza tal-bastiment tas-sajd li qed jiġi spezzjonat u tal-ekwipaġġ tiegħu, u għandhom inaqqsu kemm jista' jkun l-interferenza fl-attivitàjiet tas-sajd jew fl-istivar tal-prodotti u, sa fejn ikun fattibbli, għandhom jevitaw li jieħdu azzjonijiet li jistgħu jaffettwaw ħażin il-kwalità tal-qabda li jkun hemm abbord; L-ispetturi għandhom jillimitaw l-inkjesti tagħhom għall-aċċertazzjoni li qed jiġiharsu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ICCAT li jkunu fis-seħħ għall-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat. Huma u jwettqu l-ispezzjoni, l-ispetturu jistgħu jistaqsu lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd għal kwalunkwe għajnuna li jistgħu jeħtieġu. L-ispetturi għandhom iħejju rapport tal-ispezzjoni f'forma approvata mill-Kummissjoni ICCAT. L-ispetturi għandhom jiffirmaw ir-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd, li għandu d-dritt iżid mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hija xierqa, jew li jitlob li din tiżdied mar-rapport, u jridu jiffirmaw ħdejn it-tali osservazzjonijiet.
12. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u lill-gvern tat-tim tal-ispezzjoni, li, min-naħa tiegħu, għandu jgħaddi kopji tiegħu lill-awtoritajiet ix-xierqa tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat u lill-Kummissjoni ICCAT. Fejn jiġi notat xi ksur tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, l-ispetturi għandu jgħarraf b'dan ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun jaf li jinsab fil-qrib, fejn dan ikun possibbli.

13. L-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat għandu jittratta l-fatt li jkun hemm reżistenza għal spetturi jew li ma jkunx hemm konformità mal-istruzzjonijiet tagħhom bl-istess mod bħal dak l-aġir imwettaq fir-rigward ta' spettur nazzjonali.
14. L-ispetturi għandhom jaqdu dmirijiethom skont dawn l-arranġamenti bi qbil mar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament, iżda għandhom jibqgħu taħt il-kontroll operattiv tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u għandhom ikunu responsabbli lejhom.
15. Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom iqisu r-rapporti ta' spezzjoni, il-folji tat-tagħrif dwar il-lemh skont ir-Rakkomandazzjoni 94-09 tal-ICCAT u d-dikjarazzjonijiet li jkunu ġejjin minn spezzjonijiet iddokumentati ta' spetturi barranin taħt dawn l-arranġamenti u jaġixxu fuqhom bl-istess mod bħalma jagħmlu għar-rapporti tal-ispetturi nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu m'għandhomx jimponu obbligu fuq Gvern Kontraenti biex jagħti valur oġhla lil rapport ta' spettur barrani minn dak li kieku jkollu fil-pajjiż tal-ispettur stess. Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom jikkollaboraw sabiex jiffaċilitaw proċedimenti ġudizzjarji u oħrajn li jistgħu joħorġu minn rapport ta' spettur b'dawn l-arranġamenti.
16. (a) Il-Gvernijiet Kontraenti għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni ICCAT sal-1 ta' Jannar ta' kull sena bil-pjanijiet proviżorji tagħhom għat-twettiq tal-attivitajiet ta' spezzjoni fil-kuntest tar-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT f'dik is-sena kalendarja u l-Kummissjoni ICCAT tista' tagħmel suġġerimenti lill-Gvernijiet Kontraenti għall-koordinament tal-operazzjonijiet nazzjonali f'dan il-qasam, fosthom dwar l-għadd ta' spetturi u ta' bastimenti ta' spezzjoni li jkollhom l-ispetturi abbord.

- (b) L-arranġamenti mniżżla fir-Rakkomandazzjoni 16-05 tal-ICCAT u l-pjanijiet għall-parteċipazzjoni għandhom japplikaw bejn il-Gvernijiet Kontraenti sakemm mhux maqbul mod'ieħor bejniethom; u tali qbil għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni ICCAT: Madankollu, sakemm jiġi konkluż ftehim bħal dan, l-implimentazzjoni tal-iskema għandha tkun sospiża bejn żewġ Gvernijiet Kontraenti jekk xi wieħed minnhom ikun għarraf lill-ICCAT dwar dan.
17. (a) L-irkaptu tas-sajd għandu jiġi spezzjonat skont ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ għas-subżona li għaliha sseħħ l-ispezzjoni. L-ispetturi għandhom jindikaw is-subżona li għaliha tkun seħħet l-ispezzjoni u deskrizzjoni ta' kull ksur li jinstab, fir-rapport tal-ispezzjoni.
- (b) L-ispetturi għandu jkollhom l-awtorità li jispezzjonaw l-irkaptu kollu tas-sajd li jkun qed jintuża jew li jkun hemm abbord.
18. L-ispetturi għandhom iwaħħlu marka ta' identifikazzjoni approvata mill-Kummissjoni ICCAT ma' kwalunkwe rkaptu spezzjonat li jidher li hu fi ksur tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ fir-rigward tal-istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd konċernat u għandhom jirreġistraw dak il-fatt fir-rapport tagħhom.

